**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 8 ta' Gunju, 2016

Rikors numru : 49/2016 AL

AB

Vs

CB

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz taghha ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fit-23 ta' Dicembru 1995 (Dok. A certifikat taz-zwieg anness)

Illi minn dan iz-zwieg l-partijiet kellhom tifel llum maggorenni u jahdem full-time.

Illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Appell, Prim Imhallef Degaetano deciza fis-27 ta' Jannar 2006 fl-ismijiet premessi (Cit. Nru. 364/02RCP) dok. B u ghalhekk il-partijiet ilhom separati ghal aktar minn erba snin.

Illi l-istess sentenza ordnat lill-attur ir-rikorrenti jhallas lill-intimata martu *mitt lira Maltija (LM 100) kull erba` gimghat bhala manteniment ghall-mara u kwantu ghal mitt lira Maltija (LM 100) kull erba gimghat ghall-minuri pagabbli b'effett mid-data ta' din is-sentenza u liema ammont ghandu jitnaqqas direttament mill-paga tal-attur mill-employer tieghu u jintbaghat mill-istess employer tal-attur lill-konvenuta fir-residenza (fol. 16 tal-istess decizjoni).*

Illi sussegwentement ir-rikorrenti fethet proceduri kontra l-intimat permezz ta' kawza numru 312/2009 RGM fl-ismijiet premessi biex ivarja l-manteniment u l-Qorti ddecidiet fit-3 ta' April 2014 li huwa ghandu jghaddi manteniment ta' €130 kull erba gimghat sakemm huwa jibqa jghaddi manteniment lit-tifel u meta dan l-obbligu jispicca (kif fil-fatt gara) huwa jerga jibda jghaddi manteniment lill-intimata s-somma ta' €230 kull erba gimghat kif fil-fatt qed jaghmel (Dok. C sentenza tat-3 ta' April 2014 kawza numru 312/2009RGM).

Illi t-tifel tal-partijiet jahdem full-time u ghalhekk huwa jghaddi lill-intimata l-manteniment kif ordnat mill-Qorti.

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom.

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksibt tad-divorzju skont l-art. 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talab illi l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

(1) Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie ccelebrat fit-23 ta' Dicembru 1995;

(2) Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Frar, 2016;

Rat illi l-intimata ma ipprezentatx risposta, izda dehret il-Qorti u iddikjarat illi mhijiex topponi ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, izda talbet illi tigi awtorizzata tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Borg".

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi l-intimata talbet tirriverti ghal kunjom xbubitha "Borg". Il-Qorti qeghda tilqa' din it-talba u tordna n-notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ghall-azzjoni mehtiega;

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Jannar 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.